MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2061/2003

**Melita Insurance Agency Limited**

**vs**

**Charles Hartley**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u sittin lira Maltija (Lm660.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' vettura HONDA CRX, bin-numru CUT-757, mibjugha u debitament ikkonsenjata lilu mill-istess socjeta` attrici;**
**Bl-imghax legali mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez legali kollha, komprizi dawk ta' l-ittri bonarji datati 4 ta' Jannar, 2002 u 5 ta' Awissu, 2002, u tal-konsult, kontra l-konvenut.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Novembru ghas-subizzjoni tal-konvenut. Semgha x-xhieda tal-konvenut Charles Hartley u ta' Frank Fenech ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-ammont mitlub jirrigwarda bilanc ta' prezz fuq vettura tal-marka Honda CRX, bin-numru CUT-757 li xtara l-konvenut.**

**2. Il-konvenut jghid li ghandu jaghti biss is-somma ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350.00). Issa l-konvenut jghid li hallas tlett mija u ghaxar liri (Lm310.00) pero` m'ghandux ricevuta.**

**3. Frank Fenech, Chairman ta' Melita Insurance Agency Limited u ta' Auto Repairs and Services Limited, spjega li fid-29 t'April, 2001, il-konvenut kien xtara vettura minghandhom. Il-vettura xtraha danneggjata u "tale quale", kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni esebita bhala Dok.FF. Minn din l-iskrittura jidher li kien thallas depozitu ta' hames mitt lira (Lm500.00) u li kien hemm bilanc ta' seba' mitt lira (Lm700.00). Kienu ftehmu li l-konvenut ihallas ghoxrin lira fix-xahar, pero` dan ghamel biss zewg pagamenti u ma hallasx aktar.**

**4. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jarax il-ghala m'ghandux jaccetta il-versjoni tas-socjeta` attrici, li hi korroborata b'dokumenti, filwaqt li jinnota li l-konvenut ma kienx f'posizzjoni li jesebixxi ricevuti sabiex jipprova dak li qed jallega. Ghalhekk l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sittin lira (Lm660.00) bl-imghax legali mid-29 t'April, 2001 sal-pagament effettiv.**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------